**Minuti tas-28 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Saliba saqsa jekk konniex erġajna smajna xi ħaġa dwar il-progett tal-Housing il-Ġdid. Is-Segretarju semma li ma kien reġa sema xejn.

2.2 Is-Sur. Gatt saqsa jekk kellniex risposta minn naħa tat-Transport Malta dwar iz-zebra Cross li kellha issir fi Triq Ħal Farruġ. Is-Segretarju semma li ma kien hemm l-ebda risposta lanqas fuq it-talbiet tal-Kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Saliba saqsa kif konna se nagħmlu fuq il-ħajt li suppost ikun hemm bejn il-Kappella u l-Housing Estate. Is-Segretarju qal li kien qal lis-Sindku fuqu u dan kien se jara biex jinġieb il-ġebel u dan jittella.

3.2 Is-Sur. Saliba tkellem fuq il-boundary wall li kien qed jittella bejn l-Industrial Estate u Ħal Farruġ u jekk nafux xi ħaġa fuqu. Is-Segretarju qal li huwa se jkun qed jiċċekkja.

3.3 Is-Segretarju semma li kien qed jitkompla x-xogħol tal-installazzjoni tad-dawl tal-Family Park il-ġdida u dan daqt ikun lest.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018 fis-6.00 pm. Ma kienx hemm proposta ġurnata għall laqgħa li jmiss.

________________________ ________________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv